MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 834/2005

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Carmelo Mangion et**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici wara li fissret illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati 7 ta' Awissu, 1995, 11 ta' Jannar, 1999 u 14 ta' Dicembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion, is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet ta' Loan lill-konvenuti Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion ;

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion fis-somma ta’ tmint elef, sitt mija u disghin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8,690.50) bilanc ghad-debitu fil-« Loan Accounts » ta’ Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion mal-Bank of Valletta p.lc. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-22 ta’ Lulju, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament ;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija kuntratti in atti Nutar Dottor Carmel Mangion fuq indikati partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 9 ta’ Dicembru, 2004 sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Talbet illi ;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti in atti Nutar Dottor Carmel Mangion fuq indikati partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kkuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef, sitt mija u disghin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm 8,690.50) bilanc ghad-debitu fil-« Loan Accounts » ta' Carmelo u Mary Louise mizzewgin Mangion mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Lulju, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Dicembru, 2004 mibghuta lill-konvenuti, kif ukoll tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-konvenuti ppresentata llum li biha ammettew it-talbiet.

Il-qorti ghalhekk taqta u tiddeciedi l-kawza fuq ammissjoni tal-konvenuti billi tghid illi sehhet grajja msemmija fil-kuntratti tas-7 ta' Awissu, 1995, 11 ta' Jannar, 1999 u 14 ta' Dicembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici Lm8, 690.50, daqs ghoxrin elf, mitejn u tlieta u ergbghin euro u tnejn u erbghin centezmu (€20243.42) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Lulju, 2005 sa meta jsir il-hlas u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------